**MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD**

**UNIVERSITY OF MALTA, MSIDA**

**MATRICULATION EXAMINATION**
**INTERMEDIATE LEVEL**
**SEPTEMBER 2013**

| | |
|---|---|
| **SUBJECT:** | RELIGIOUS KNOWLEDGE |
| **DATE:** | 6th September 2013 |
| **TIME:** | 4.00 p.m. to 7.00 p.m. |

Answer **Section A** and **ANY THREE** questions from **Section B**
*Section A carries 40% of the total mark while Section B carries 60%.*

**Section A. Each question carries 4 marks. Answer all questions.**

1. Why is Sunday, as the Day of the Lord, at the centre of the Liturgy?
2. What is the importance of the Old Testament for Christians?
3. Who created the world?
4. What does the "Immaculate Conception" mean?
5. Mention 4 other names with which the Sacrament of the Eucharist is also called.
6. What are the sacramentals?
7. What is the moral conscience?
8. Which are the principal human virtues or cardinal virtues?
9. In what does the prayer of intercession consist?
10. Why do we conclude the "Our Father" by asking: "Deliver us from evil"?

**Section B. Each question carries 20 marks. Choose THREE questions and answer in detail.**

**Question 1**

a. The Law of Moses, also called the Old Law, is summarised in the Decalogue. Why is this considered as the first stage of God's Revelation to us about how we are to love as human beings made in the image of God? (8 marks)
b. How is the New Law of Jesus a perfection of God's moral law? Support your answer with **two** examples from the Gospels. (12 marks)

**Question 2**

A vocation is the committed state of life that God calls us to.

a. Mention and explain **any two** vocations that enable us to serve God and the others. (14 marks)
b. In brief, explain how the Sacrament is celebrated in one of the vocations you mentioned in part a. (6 marks)

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

**Question 3**

In the Creed we profess that the Church of Christ is *one*, *holy*, *catholic*, and *apostolic*. The Church does not possess these marks of herself; it is Christ who, through the Holy Spirit, makes his Church one, holy, catholic, and apostolic, and it is he who calls her to realise each of these marks.

a. Which phrase in the Creed explains what these four marks are for the Church? (2 marks)
b. In what sense do they mark the Church? (2 marks)
c. Explain each of the four marks of the Church. (16 marks)

**Question 4**

a. Explain **two** principles of social justice. (8 marks)
b. Jesus told his disciples "When you give a banquet, invite the poor, the crippled, the lame, and the blind, and you will be blessed, because they cannot repay you" (Lk 14: 13-14). In what way is the Christian to interpret and live the values of social justice proclaimed by Jesus? (6 marks)
c. The seventh commandment requires respect for the goods of others. How can this be done? (6 marks)

**Question 5**

"Prayer educates us to see the signs of God, his presence and his action. It educates us to become lights of goodness, spreading hope and indicating that the victory is God's" (Benedict XVI, General audience of 12 Sep, 2012).

a. What is prayer? (4 marks)
b. The Lord's Prayer is divided into two sets of prayers. Explain each of these two sets. (8 marks)
c. Why is the Lord's Prayer considered as a central prayer in Christianity? (4 marks)
d. What does Jesus mean when he says: "whatever you ask in prayer, you will receive, if you have faith" (Matthew 21, 22)? (4 marks)

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
SETTEMBRU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ |
| **DATA:** | is-6 ta' SETTEMBRU 2013 |
| **HIN:** | mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m. |

Wieġeb **Taqsima A** u **TLIET** mistoqsijiet oħra li trid minn **Taqsima B**
*Taqsima A għandha 40% tal-marka totali u Taqsima B għandha 60%.*

**Taqsima A – Kull mistoqsija għandha 4 marki. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. Għaliex il-Ħadd bħala Jum il-Mulej qiegħed fiċ-ċentru tal-Liturġija?
2. X'importanza għandu t-Testment il-Qadim għall-Insara?
3. Min ħalaq id-dinja?
4. Xi tfisser "l-Immakulata Kunċizzjoni?
5. Semmi 4 ismijiet oħra li bihom jissejjaħ is-Sagrament tal-Ewkaristija.
6. X'inhuma s-sagramentali?
7. X'inhi l-kuxjenza morali?
8. Liema huma l-virtujiet umani prinċipali jew il-virtujiet kardinali?
9. Fiex tikkonsisti t-talba tal-interċessjoni?
10. Għaliex nispiċċaw it-talba tal-"Missierna" billi nitolbu: "Eħlisna mid-deni"?

**Taqsima B – Kull mistoqsija għandha 20 marka. Agħżel TLIET mistoqsijiet u wieġeb fid-dettall.**

**Mistoqsija 1**

a. Il-Liġi ta' Mosè, imsejħa wkoll il-Liġi l-Qadima, hija mqassra fid-Dekalogu. Għaliex din hija meqjusa bħala l-ewwel stadju fir-Revelazzjoni ta' Alla lilna dwar kif għandna nħobbu bħala bnedmin imsawrin fi xbieha ta' Alla? (8 marki)
b. Kif inhi l-Liġi Ġdida ta' Ġesù perfezzjoni tal-liġi morali ta' Alla? Saħħaħ it-tweġiba tiegħek b'**żewġ** eżempji mill-Vanġeli. (12-il marka).

**Mistoqsija 2**

Vokazzjoni hija stat impenjat ta' ħajja li Alla jsejħilna għalih.

a. Semmi u spjega **żewġ** vokazzjonijiet li jippermettulna naqdu 'l Alla u lill-oħrajn. (14-il marka)
b. Fil-qosor, spjega kif is-Sagrament huwa ċċelebrat f'waħda mill-vokazzjonijiet li semmejt fil-parti (a). (6 marki)

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Mistoqsija 3**

Fil-Kredu nistqarru li l-Knisja ta' Kristu hija *waħda, qaddisa, kattolika,* u *appostolika*. Il-Knisja m'għandhiex dawn il-karatteristiċi minnha nnifisha; huwa Kristu li, permezz tal-Ispirtu s-Santu, jagħmel il-Knisja tiegħu waħda, qaddisa, kattolika, u appostolika, u huwa hu li jsejħilha biex tirrealizza kull waħda minn dawn il-karatteristiċi.

a. Liema frażi fil-Kredu tispjega x'inhuma dawn l-erba' karatteristiċi għall-Knisja? (2 marki)
b. F'liema sens jikkaratterizzaw lill-Knisja? (2 marki)
c. Spjega kull waħda minn dawn l-erba' karatteristiċi tal-Knisja. (16-il marka)

**Mistoqsija 4**

a. Spjega **żewġ** prinċipji ta' ġustizzja soċjali. (8 marki)
b. Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "meta tagħmel ikla, stieden il-foqra, il-magħtubin, iz-zopop, u l-għomja, u hieni int, għax dawn ma għandhomx minn fejn iroddulek pjaċir bi pjaċir." (Lq 14: 13-14). B'liema mod għandu n-Nisrani jinterpreta u jgħix il-valuri tal-ġustizzja soċjali mxandra minn Ġesù? (6 marki)
c. Is-seba' Kmandament jitlob rispett għall-ħwejjeġ tal-oħrajn. Kif jista' jsir dan? (6 marki)

**Mistoqsija 5**

"It-talb jedukana biex naraw s-sinjali ta' Alla, il-preżenza tiegħu, u għemilu. Jedukana biex insiru dwal tat-tjubija, inxerrdu t-tama u nuru li r-rebħa hija ta' Alla." (Benedittu XVI, Udjenza ġenerali tat-12 ta' Settembru, 2012)

a. X'inhu t-talb? (4 marki)
b. It-talba tal-Missierna tinqasam f'żewġ partijiet ta' talb. Spjega kull parti. (8 marki)
c. Għaliex il-Missierna hija meqjusa bħala t-talba ċentrali fil-Kristjaneżmu? (4 marki)
d. Xi jrid ifisser Ġesù meta jgħid: "kulma titolbu taqilgħuh, jekk ikollkom il-fidi" (Mt 21: 22)? (4 marki)